MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 367/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Darren James Zerafa u l-istess Darren James Zerafa**

**vs**

1. **Simon Tanti**
2. **Aluserv Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-14 ta' Lulju 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabilta' mehtiega, jigu kkundannati, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi l-ammont ta' elf tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm1850) rapprezentanti danni kkawzati lill-atturi u senjatament konsistenti fi hsarat imgarrba mill-vettura ZEE 600 proprjeta' ta' Darren James Zerafa, assigurata mal-kumpanija attrici, fil-kors ta' xogholijiet imwettqa minnhom gewwa Triq il-Knisja, San

Giljan, u fi spejjez ohra kif ser ikun ppruvat tul il-kors tal-kawza liema hsarat graw tort taghhom, u ghal liema hsarat u danni huma unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Lulju 2002 u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Simon Tanti fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m’ghandu l-ebda htija fl-incident in kwistjoni.

Illi l-eccipjenti gharraf diversi drabi lis-socjeta’ attrici li huwa stess sofra danni flimkien ma’ l-assigurat ta’ l-istess socjeta’ attrici konsegwenza tal-agir tal-impjegati tas-socjeta’ konvenuta Aluserv Limited, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi ghalhekk il-proceduri li ttiehdu fil-konfront ta’ l-eccipjenti huma vessatorji.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici, li minn issa stess ingunta in subizzjoni.

Nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Aluserv Limited fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti m’ghandu l-ebda htija inkwistjoni;

Illi l-esponenti esegwixxa x-xogholijiet maghmula minnu fuq struzzjonijiet moghtija lilu ghalhekk r-responsabbilta’ tal-incident hija interament ta’ Simon Tanti et;

Illi ghalhekk il-proceduri li ttiehdu fil-konfront tal-eccipjenti huma vessatorji;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi l-konvenuti konjugi Tanti kienu xtraw il-fond numru 18 Sunisi Flats, Triq il-Knisja San Giljan u peress illi s-soqfa kienu fi stat hazin, gew iddikjarati perikolanti u l-konjugi Tanti kienu qabdu lill-Perit Louis Borg sabiex dan jissorvelja x-xoghol ghat-tnehhija u bini mill-gdid tas-saqaf. Qabel ma seta' jsir dan pero' kellhom jinbidlu l-hgieg tal-gallerija ta' barra illi kienet *"double glazed"* u ta' certa piz, peress li kien hemm xi hgieg illi kien imkisser. Kien ghalhekk illi wara xi ricerka l-konjugi Tanti kienu qabdu lis-socjeta' Aluserv sabiex dina taghmel dan ix-xoghol. Is-socjeta' msemmija baghtet lir-rapprezentant taghha sabiex jara x-xoghol fejn iltaqa' ma' Simon Tanti. Ix-xoghol gie spezzjonat u s-Sur Tanti gibed l-attenzjoni tar-rapprezentant illi x-xogholijiet kienu jinvolvu wkoll it-tnehhija tas-saqaf ghax kien perikolanti. Wara xi ftit granet is-socjeta' Aluserv baghtet l-istima taghha u li giet accettata mill-konjugi Tanti.

Fl-10 ta' Ottubru tas-sena elfejn ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofs-in-nhar beda x-xoghol li kien qed jigi esegwit minn Louis Tonna u Richard Vella, zewg impjegati tad-ditta Aluserv. Dawna gew moghtija istruzzjonijiet biex jaqilghu l-hgieg tal-gallerija li skond huma kienet xi haga regolari u ta' rutina. Dan ix-xoghol beda jigi esegwit u wara xi ftit waqghet zrara jew inkella bicca caccis mill-gallarija ghal fuq it-triq ta' taht li sa dak il-hin ma kienetx ghadha zgumbrata minn nies jew mill-karozzi pparkjati taht l-istess gallarija. Richard Vella cempel lill-ufficcju tieghu sabiex jigi xi hadd u jfittex sid il-karozza. Sakemm gew mill-ufficju pero' kompla bix-xoghol

tieghu u lahaq qala' kollox. Ghamel il-gallarija fil-gemb pero' kien dak il-hin li cediet il-gallarija u waqghet fuq l-istess karozza. Jghid illi qabel ma beda x-xoghol huwa ma giex mgharraf dwar is-sitwazzjoni tal-gallarija u jinnega li wara li waqghet l-ewwel gebla, s-sinjura Tanti kienet qaltlu biex jieqaf. Jikkonferma pero' li ma kien hemm l-ebda protezzjoni taht il-gallarija u lanqas ma kienu lebsin xi ilbies protettiv.

Il-kollega tieghu Louis Tonna a fol 76 ighid ukoll illi huma ma nghataw l-ebda struzzjonijiet partikolari dwar ix-xoghol illi kellhom iwettqu. Bdew dan ix-xoghol billi nehhew il-purtelli u kien dak il-hin li waqghet zrara zghira fuq karozza u kien hawn li kkuntattjaw l-ufficju, izda baqghu sejrin bix-xoghol taghhom. Bhala *"protective gear"* qal li kellhom *"helmet",* pero' jekk kienux lebsin dan il-*"helmet"* ma qalx. Ghalihom dan kien xoghol normali u l-unika struzzjonijiet li kellhom mill-ufficju kien li jaqilghu t-twieqi tal-gallarija.

Il-konjugi Tanti xehdu li huma kellhom il-permessi kollha necessarji sabiex iwettqu x-xoghol inkwistjoni. Tant hu hekk li bil-verbal tad-19 ta' Jannar 2004 (fol 11) il-partijiet iddikjaraw illi tali permess kien jezisti. Ghamluha cara li meta kien gie r-rapprezentant tas-socjeta' Aluserv sabiex jara x-xoghol dawna gibdulu l-attenzjoni illi s-saqaf kien ikkundannat. Fil-kontro ezami taghha s-Sinjura Tanti tghid illi hija qalet lill-haddiema li s-saqaf kien ikkundannat. Kompliet tghid pero' *"verament ma kienx hemm xejn x'tgharraf dwar is-sitwazzjoni ghaliex kienet tidher sew – ix-xibka mdendla u bil-bicciet tal-konkos imdendlin maghha. Il-fatt li l-gallarija kienet f'dak l-istadju, kien jidher sew u ma kienx hemm ghalfejn spjegazzjonijiet dwarha. Dana jidher ukoll mir-ritratti."* Kompliet tghid li hija ma marritx ghand in-nies biex inehhu l-karozzi li kien hemm taht il-gallarija u lanqas ma applikat ghand il-pulizija sabiex jigu jnehhu l-karozzi ghaliex hadd ma qalilha biex taghmel hekk.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspett legali ma hemmx dubbju illi min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dover li jassigura li l-haddiema li jkunu mpjegati mieghu jahdmu f’ambjent sigur u minghajr perikolu, u bhala gwida l-Qorti tibda biex taghmel referenza ghal kawza AIC Herbert Debono vs Mario Ellul u Paolo Agius deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta’ Ottubru 1989 li fiha kien intqal li kemm is-sid kif ukoll il-kuntrattur kienu responsabbli ghal hsarat kkawzati lil terzi persuni. Is-sid jekk huwa kien jaf li x-xogholijiet ma kienux qed jigu mwettqa kif suppost u ma ha l-ebda mizuri sabiex jassigura illi l-hsara ma ssirx u l-kuntrattur jekk huwa ma jsegwix ix-xogholijiet skond l-arti u s-sengha. Ghalhekk f’dan il-gudizzju jrid jigi ezaminat sew l-operat kemm tas-sid u cioe’ l-konjugi Tanti kif ukoll tas-socjeta’ Aluserv bhala l-kuntrattur principali.

Irrizulta illi qabel ma beda x-xoghol ir-rapprezentant tad-ditta Aluserv mar fuq il-post sabiex jara dan ix-xoghol u kien hawnhekk illi l-konjugi Tanti specifikament Simon gibed l-attenzjoni tar-rapprezentant illi s-saqaf tal-flat kien ikkundannat u kellu jinbidel. Naturalment id-ditta Aluserv ma kellhiex x’taqsam ma’ dan il-bdil peress illi l-kompitu taghha kien limitat biss ghal tnehhija tal-hgieg tal-gallarija. Pero’ rrizulta wkoll illi s-socjeta’ ma tat l-ebda istruzzjonijiet partikolari liz-zewg haddiema illi baghtet biex iwettqu x-xogholijiet u cioe’ Richard Vella u Louis Tonna li lanqas ma gew ipprovduti b’ilbies protettiv hlief forsi b’xi *“helmet”* li huwa dubjuz kemm intlibes, pero’ fi kwalunkwe kaz fortunatament ma gratx hsara jew danni lill-persuni izda biss lill-karozza li kienet ipparkjata fit-triq.

Hawnhekk zgur li ma kienetx responsabbilta’ tas-socjeta’ Aluserv sabiex tnehhi l-karozzi ipparkjati fit-triq. Se mai, din kienet responsabbilta’ tal-konjugi Tanti sabiex jassiguraw li taht il-gallarija fejn kien ser isir ix-xoghol ma kienx ikun hemm karozzi jew inkella nies li setghu jghaddu mit-triq. Minkejja illi hadd ma qalilhom sabiex jaghmlu dan, hija prevedibbli illi xi haga setghet taqa’ mill-gallarija waqt li kien qed jigi mnehhi l-hgieg. Hija haga komuni illi dan jsir u ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala l-konjugi Tanti ma kellhomx jipprevedu t-tali possibilta’, aktar u aktar meta huma kienu jaf illi s-saqaf kien ikkundannat u

x-xibka kienet tidher minn taht  is-saqaf.  Dak illi kien ovvju ghas-sinjura Tanti mhux necessarjament kien ovvju ghall-haddiema li ma jifmhux fit-teknika tal-bini, aktar u aktar meta ma kienux avzati illi kien hemm is-saqaf ikkundannat. Pero’ min naha taghhom il-Qorti ssib illi l-operat taz-zewg haddiema wkoll ghandu jigi ccensurat meta huma *“ex admissis”*  ma waqfux mill-ewwel meta waqghet l-ewwel gebla. Skond Richard Vella dana cempel lill-ufficju sabiex ighidilhom bl-akkadut, sabiex jibaghtu lil xi hadd halli jnehhu l-karozzi mit-triq.  Sakemm gie xi hadd pero’ Richard Vella kompla bix-xoghol minghajr ma ha prekawzjonijiet ohra u qala’ l-hgiega bil-frame b’kollox fejn allura s-saqaf tal-gallarija ma kellhiex aktar l-qlugh u wara ftit waqghet ghat-triq.

Hawnhekk issib l-operat tal-haddiema Vella u Tonna kien wiehed irresponsabbli u kienu f’posizzjoni li jipprevedu li jekk jibqghu sejrin bix-xogholijiet u jaqilghu l-frame kien hemm il-possibilta’ jekk mhux tal-kollass tas-saqaf, almenu illi jaqghu bicciet ohra. Madankollu minkejja li kienu jafu b’dan il-perikolu u minkejja illi huma cemplu l-ufficju sabiex jigi xi hadd halli jnehhu l-karozzi mit-triq baqghu ghaddejjin bix-xogholijiet minghajr l-icken prekawzjoni.

Hawnhekk il-Qorti  ssib illi ghandha hafna x’ticcensura f’dan l-operat u zgur illi ma kienx skond is-sengha illi huma jkomplu ghaddejjin bix-xoghol taht dawk ic-cirkostanzi. Il-kwistjoni jekk Michelle Tanti qaltilhomx biex jieqfu jew le hija rrilevanti. Hawnhekk iz-zewg haddiema messhom waqfu mal-ewwel u ma komplewx ghaddejjin bix-xogholijiet. Ir-responsabbilta’ kienet fuqhom illi jassiguraw li x-xoghol li huma jwettqu ma jkunx ta’ perikolu ghal terzi. Diga’ kellhom intimazzjoni li dan ix-xoghol kien ser ikun ta’ perikolu izda madankollu xorta baqghu ghaddejjin. Ghalhekk il-Qorti ssib illi ghal dan l-akkadut is-socjeta’ Aluserv ghandha terfa’ r-responsabbilta’ principali b’fattur kontributorju da parti tal-konjugi Tonna talli dawn ma hadux il-prekawzjonijiet illi javzaw lill-pulizija jew almenu lis-sidien tal-karozzi taht il-gallarija biex inehhuhom waqt illi kien qed jigi esegwit ix-xoghol. Hija l-fehma tal-Qorti illi din ir-responsabbilta’

ghandha tigi ripartita kwantu ghal zewg terzi ghas-socjeta' Aluserv u terz ghal konjugi Tanti.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' t-talba ta' l-atturi, tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal hsarat subiti fuq il-vettura tal-assigurat tas-socjeta' attrici Darren James Zerafa liema vettura ggib in-numru ZEE 600 wara incident illi gara fl-10 ta' Ottubru 2000 waqt xogholijiet esegwiti fil-fond 18, Sunisi Flat No 1, Triq il-Knisja, San Giljan liema responsabbilta' ghandha tigi ripartita kwantu ghal zewg terzi ghas-socjeta' Aluserv u terz ghall-konvenut Simon Tanti.

Tillikwida l-ammont ta' danni li sofrew l-atturi fl-ammont ta' elf tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm1,850) u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Aluserv illi minn din ic-cifra thallas lill-atturi l-ammont ta' elf mitejn u tlieta u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1,233.40c) u lill-konvenut Simon Tanti jhallas lill-istess atturi l-ammont ta' sitta mija u sittax-il lira Maltija u sittin centezmu (Lm616.60c).

Bl-ispejjez u bl-interessi legali skond il-kwoti relattivi mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------